C/2026/3206

12.6.2026

Avviż ta' Reklutaġġ EUPP/3/S

Direttur tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej fis-sens tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445

Aġent temporanju — grupp ta' funzjonijiet AD, grad 12

(C/2026/3206)

1. Pożizzjoni vakanti

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea ddeċidew li jniedu proċedura għall-pożizzjoni ta' Direttur tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità"), f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament").

Din il-proċedura ta' selezzjoni se titwettaq bl-appoġġ amministrattiv tal-Parlament Ewropew.

Ir-reklutaġġ se jsir fil-grad AD 12. Mas-salarju bażiku, li huwa soġġett għat-taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni u eżenti mit-taxxa nazzjonali, jistgħu jiżdiedu ċerti allowances skont il-kondizzjonijiet previsti fil-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) ([2]).

Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament, il-ħatra tad-Direttur tal-Awtorità għandha ssir mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea bi qbil komuni għal mandat li ma jistax jiġġedded ta' 5 snin skont it-termini applikabbli għall-persunal temporanju kif imsemmi fl-Artikolu 2(a) tas-CEOS.

Il-pożizzjoni tirrikjedi flessibbiltà u tinvolvi kuntatt frekwenti ma' nies fl-istituzzjonijiet u barra minnhom. Il-persuna reklutata bħala Direttur tal-Awtorità se tkun meħtieġa tivvjaġġa spiss bejn il-postijiet tax-xogħol tal-istituzzjonijiet u postijiet oħra.

2. Post tal-impjieg

Il-persuna magħżula se tiġi rreklutata fi Brussell.

3. Opportunitajiet indaqs

L-istituzzjonijiet Ewropej japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw l-applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, kemm jekk tkun ibbażata fuq il-ġeneru, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentament sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

4. Deskrizzjoni tal-impjieg

Il-persuna reklutata bħala Direttur tal-Awtorità hija responsabbli mill-kompiti stabbiliti fir-Regolament, b'mod partikolari r-reġistrazzjoni, il-kontroll u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Hija għandha tirrappreżenta lill-Awtorità u għandha tieħu d-deċiżjonijiet kollha tal-Awtorità f'isimha. Għal dan il-għan, din il-persuna għandha twettaq il-funzjonijiet previsti u teżerċita s-setgħat mogħtija mir-Regolament.

B'mod partikolari, il-kompiti tal-persuna reklutata bħala Direttur tal-Awtorità huma dawn li ġejjin:

— tirrappreżenta lill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej,

— tikkoopera mal-istituzzjonijiet Ewropej, mal-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri biex jiġu żgurati l-kontroll u r-rispett, mill-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, tal-obbligi stabbiliti mir-Regolament,

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L, 2025/2445, 8.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2445/oj).

([2]) Ara r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KESE) Nru 259/68 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) u bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1023/oj).

— tistabbilixxi l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Awtorità (definizzjoni tal-objettivi u l-istrateġiji) u tevalwa l-forniment tas-servizzi biex tiġi ggarantita l-kwalità tagħhom. Il-persuna reklutata bħala Direttur għandha taġixxi bħala uffiċjal awtorizzanti b'delega,

— teżerċita s-setgħat mogħtija lill-awtorità tal-ħatra mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u s-setgħat mogħtija lill-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi kuntratti ta' impjieg ta' aġenti oħra mis-CEOS ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra"),

— tamministra r-Reġistru tal-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej,

— tieħu deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament,

— tieħu deċiżjonijiet dwar id-dereġistrazzjoni tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-proċeduri u l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament,

— tivverifika li l-kondizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stabbiliti fir-Regolament jibqgħu jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej irreġistrati,

— tieħu deċiżjonijiet dwar is-sanzjonar tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament,

— tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-Awtorità,

— tissodisfa l-obbligi ta' trasparenza u protezzjoni tad-data previsti fir-Regolament.

L-awtorità tal-ħatra tista' tassenja kompiti oħra lid-Direttur tal-Awtorità, dment li dawn ma jkunux inkompatibbli mal-volum ta' xogħol li jirriżulta mill-funzjonijiet ta' Direttur tal-Awtorità u li ma joħolqux kunflitt ta' interess jew li ma jipperikolawx l-indipendenza sħiħa tad-Direttur tal-Awtorità.

5. **Rekwiżiti ta' eleġibbiltà**

Din il-proċedura ta' selezzjoni hija miftuħa għall-kandidati kollha li, sad-data meta jagħlqu l-applikazzjonijiet, ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) *Rekwiżiti ġenerali*

Skont l-Artikolu 12(2) tas-CEOS, il-kandidati jeħtiġilhom:

— ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

— igawdu mid-drittijiet ċivili tagħhom,

— ikunu ssodisfaw kull obbligu impost fuqhom mil-liġijiet dwar is-servizz militari,

— joffru l-garanziji ta' moralità mitluba għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet previsti,

(b) *Rekwiżiti speċifiċi*

(i) Kwalifiki u esperjenza professjonali meħtieġa

— livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ċċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali ta' dawn l-istudji universitarji jkun ta' 4 snin jew aktar,

jew

— livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena, meta l-perjodu normali ta' dawn l-istudji jkun mill-anqas 3 snin,

— mill-anqas **15-il sena** ta' esperjenza professjonali rilevanti miksuba wara li jkunu nkisbu l-kwalifiki msemmija hawn fuq, li minnhom mill-anqas 3 jkunu f'pożizzjoni b'responsabbiltajiet ta' ġestjoni jew ta' koordinazzjoni ekwivalenti.

Id-diplomi, kemm jekk maħruġa fi Stat Membru tal-Unjoni jew f'pajjiż ieħor, iridu jiġu rikonoxxuti minn korp uffiċjali ta' Stat Membru tal-Unjoni, bħall-ministeru għall-edukazzjoni ta' Stat Membru.

Il-kandidati li jkollhom diplomi maħruġa f'pajjiż mhux tal-UE jeħtiġilhom jehmżu mal-applikazzjoni tagħhom ekwivalenza tal-UE għad-diplomi tagħhom. Għal aktar informazzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki miksuba f'pajjiż mhux tal-UE fin-networks ENIC-NARIC, ara: https://www.enic-naric.net/.

(ii) Għarfien lingwistiku

Għarfien eċċellenti ta' lingwa uffiċjali waħda tal-Unjoni Ewropea ([3]) u għarfien sodisfaċenti ta' mill-anqas lingwa oħra huma meħtieġa.

(iii) Kunflitt ta' interess u indipendenza

Il-kandidati ma jistgħux ikunu Membri tal-Parlament Ewropew, ma jista' jkollhom ebda mandat elettorali u ma jistgħux ikunu impjegati attwali jew ex impjegati ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea. Il-persuna li tintgħażel għandha tiżgura li ma jkollhiex kunflitt ta' interess bejn il-funzjonijiet tagħha bħala Direttur tal-Awtorità u xi funzjonijiet uffiċjali oħra, fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

Il-persuna reklutata bħala Direttur tal-Awtorità għandha tkun indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha. Meta taġixxi f'isem l-Awtorità, la għandha tfittex u lanqas tieħu istruzzjonijiet minn xi istituzzjoni jew gvern jew minn xi korp, uffiċċju jew aġenzija oħrajn. Il-persuna reklutata bħala Direttur tal-Awtorità għandha tibqa' lura minn kwalunkwe att li jkun inkompatibbli man-natura tal-funzjonijiet tagħha.

Qabel ma tibda taqdi dmirijietha, il-persuna reklutata bħala Direttur se tkun meħtieġa tagħmel dikjarazzjoni li timpenja ruħha li taġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li tiddikjara kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħha.

6. **Rekwiżiti ta' selezzjoni**

— ħiliet analitiċi u ta' ġudizzju eċċellenti,

— għarfien eċċellenti tal-qafas regolatorju u finanzjarju tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej,

— għarfien tajjeb ħafna tar-Regolament Finanzjarju,

— għarfien tajjeb ħafna tal-qafas istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea,

— għarfien tajjeb ħafna tal-Ingliż jew tal-Franċiż fid-dawl tal-ħtiġijiet rigward il-komunikazzjoni interna u interistituzzjonali,

— il-kapaċità ta' ħolqien u komunikazzjoni ta' viżjoni, ta' ħsieb b'mod globali rigward is-sistemi u l-proċessi, u li jiġu proposti rakkomandazzjonijiet konkreti u soluzzjonijiet prattikabbli,

— il-kapaċità, inkluż permezz ta' ħiliet ta' tmexxija, ta' ġestjoni ta' persunal u ta' baġit, kif ukoll komunità varjata ta' partijiet ikkonċernati,

— il-kapaċità li tittieħed azzjoni b'mod indipendenti,

— esperjenza fil-komunikazzjoni u n-networking, biex l-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej tiġi rappreżentata, inkluż fl-ogħla livelli, u biex jinħolqu u jinżammu relazzjonijiet effettivi mal-partijiet ikkonċernati f'istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea, u fl-Istati Membri,

— esperjenza konfermata fil-ġestjoni ta' riżorsi umani u baġitarji f'istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija Ewropej, jew fi kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata oħra li jkollha interazzjoni regolari mal-UE, titqies bħala kwalità siewja.

7. **Proċedura ta' selezzjoni**

Il-Kumitat ta' Selezzjoni jikkonsisti mis-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea u huwa ppresedut mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew. Il-Kumitat ta' Selezzjoni jistabbilixxi bord amministrattiv ta' preselezzjoni, magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet, li jassisti lill-Kumitat ta' Selezzjoni fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet bil-miktub kollha fir-rigward tar-rekwiżiti ta' eleġibbiltà, fl-identifikazzjoni ta' dawk il-kandidati li l-profil tagħhom jaqbel l-aħjar mar-rekwiżiti ta' selezzjoni, u fit-tfassil ta' lista qasira tal-kandidati l-aktar adatti.

Abbażi tal-preselezzjoni, il-Kumitat ta' Selezzjoni jfassal lista ta' kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Wara l-proċedura ta' preselezzjoni u l-intervisti, il-Kumitat ta' Selezzjoni jipproponi lit-tliet istituzzjonijiet kandidat(a) għall-ħatra bħala Direttur tal-Awtorità.

([3]) Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, l-Ispanjol, l-Iżvediż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż. http://data.europa.eu/eli/reg/1958/1(1)/2013-07-01.

8. **Applikazzjonijiet**

L-iskadenza għall-applikazzjonijiet hija:

is-26 ta' Ġunju 2026, f'12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Il-kandidati huma mitluba jibagħtu, **permezz ta' email biss**, dikjarazzjoni personali f'format pdf ("*Għall-attenzjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, Avviż ta' Reklutaġġ Numru EUPP/3/S*") u *curriculum vitae* (fil-format tal-Europass ([4])), b'indikazzjoni tar-referenza tal-avviż (EUPP/3/S) fil-linja tas-suġġett tal-messaġġ, lil: PERS-Director-APPF@europarl.europa.eu.

Id-data u l-ħin li fihom tintbagħat l-email jitqiesu bħala d-data u l-ħin li fihom tressqet l-applikazzjoni.

Il-kandidati jeħtiġilhom jiżguraw li d-dokumenti skennjati jkunu jistgħu jinqraw.

Il-kandidati msejħa għall-intervista jeħtiġilhom jippreżentaw, sad-data tal-intervista, kopji jew fotokopji ta' dokumenti ġustifikattivi relatati mal-istudji, l-esperjenza professjonali u r-responsabbiltajiet attwali tagħhom. Dawn id-dokumenti ma jingħatawx lura lill-kandidati.

9. **Protezzjoni tad-*data* personali**

Id-*data* personali pproċessata għall-iskopijiet ta' din il-proċedura ta' selezzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), b'mod partikolari fir-rigward tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħha.

Għal aktar informazzjoni dwar kif id-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata jew dwar kif jiġu eżerċitati d-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, jekk jogħġbok ikkonsulta l-**Avviż dwar il-Protezzjoni tad-*Data*** rilevanti (*ara l-Anness*).

([4]) https://europa.eu/europass/mt.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/17).

ANNESS

Avviż dwar il-Protezzjoni tad-*Data*

Ġestjoni tal-proċedura ta' selezzjoni u ħatra tad-Direttur tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej

Ir-Regolament (UE) 2018/1725 japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali li jsir mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) Min hu l-kontrollur tad-*data* personali tiegħek?

— Fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tal-ħatra tad-Direttur tal-Awtorità, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaġixxu bħala kontrolluri separati.

— Il-Parlament Ewropew qed jaġixxi bħala l-kontrollur ([1]) għall-ġestjoni tal-proċedura ġenerali. Il-Parlament Ewropew > is-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew > id-Direttorat Ġenerali għall-Persunal > id-Direttorat għall-Governanza Strateġika tar-Riżorsi Umani, ir-Reklutaġġ u l-Karrieri > l-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti.

— Tista' tikkuntattja lill-kontrolluri/entitajiet fuq:

Għall-Parlament Ewropew: PERS-Director-APPF@europarl.europa.eu.

Għall-Kummissjoni Ewropea: SG-UNITE-H-1@ec.europa.eu.

Għall-Kunsill: GIP.INST@consilium.europa.eu.

(2) X'inhuwa l-iskop tal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek?

— Id-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata sabiex tiġi ġestita l-proċedura ta' selezzjoni u ħatra tad-Direttur tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej, kif deskritt fl-Avviż ta' Reklutaġġ Numru EUPP/3/S.

(3) Liema hija l-bażi legali għall-ipproċessar?

— Il-bażi legali għall-ipproċessar hija:

— l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445,

— l-Artikolu 5(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

(4) Liema *data* personali tiġi pproċessata?

— Nipproċessaw id-*data* li ġejja:

— Identifikazzjoni tal-kandidati: l-isem, il-kunjom, il-ġeneru, id-data tat-twelid, l-indirizz, il-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, il-lingwi, in-numru tat-telefon jew id-data tal-komunikazzjoni, is-CV u d-dikjarazzjoni personali.

— Evalwazzjoni tal-fajls tal-applikazzjoni tal-kandidati matul il-fażi tal-preselezzjoni.

— Evalwazzjoni tal-aspetti personali tal-kandidati f'każ ta' intervisti.

— *Data* li tikkonċerna l-karriera, ir-reklutaġġ u l-kuntratti.

— Għall-kandidati esterni biss, u f'każ ta' rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għall-intervista: id-dokumenti ġustifikattivi li jikkonċernaw il-vjaġġ u l-akkomodazzjoni, il-kont tal-bank u/jew *data* finanzjarja oħra.

([1]) Kontrollur huwa l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali. Il-kontrollur huwa rappreżentat mill-kap tal-entità.

— Fil-każ tal-kandidati mistiedna għal intervista, id-*data* kollha li tikkonċerna l-prestazzjoni tal-kandidati matul l-intervisti tiġi inkluża fir-rapport tas-Segretarji Ġenerali (Parlament Ewropew — Kunsill — Kummissjoni).

— Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ħatra tad-Direttur, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-ħatra individwali ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet se jkun fihom *data* personali (isem u grad) tal-kandidat(a) magħżul(a).

— Wara l-ħatra, id-*data* personali rilevanti biss tintbagħat lill-Unità tar-Reklutaġġ tal-Persunal tal-Parlament Ewropew.

(5) Kif tiġi pproċessata d-*data* personali tiegħek?

— Wara sejħa miftuħa, il-kandidati japplikaw u jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom li jkun fiha d-*data* personali tagħhom lill-Unità tas-Selezzjoni u t-Tfittxija ta' Talenti tal-Parlament Ewropew (TSOU), bl-email (lill-mailbox tas-servizz PERS-Director-APPF@europarl.europa.eu). L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati mill-unità u jintbagħtu lil kumitat ta' selezzjoni magħmul mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill u s-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni. Il-kumitat ta' selezzjoni huwa assistit minn bord amministrattiv ta' preselezzjoni magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet.

— Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill se jittrattaw il-proċedura tal-ħatra f'konformità mar-regoli interni tagħhom bil-ħsieb li jadottaw id-deċiżjoni tal-ħatra individwali tagħhom.

— Abbażi tal-proposti magħmula mill-kumitat ta' selezzjoni, id-Direttur tal-Awtorità għandu jinħatar mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni (flimkien imsejħa l-"Awtorità tal-Ħatra") bi qbil komuni.

(6) Għal kemm żmien tinħażen id-*data* personali tiegħek?

Il-Parlament Ewropew:

— Id-*data* personali tiegħek tinħażen: (a) f'folder SharePoint aċċessibbli għal għadd limitat ta' membri tal-persunal tat-TSOU għaż-żmien meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni; (b) fl-Unità: kemm f'fajls stampati kif ukoll f'fajls elettroniċi: għat-tul ta' żmien deċiż mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew - kwittanza + 5 snin għad-dokumenti baġitarji u 3 snin għal dokumenti oħra; (c) il-perjodi ta' żmien imsemmija hawn fuq jiġu estiżi għaż-żmien meħtieġ f'każ ta' litigazzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill:

L-ebda ħżin indipendenti: il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ma jżommu l-ebda *data* personali lil hinn mill-fażi tal-ħatra, ħlief għall-isem u l-grad tal-kandidat maħtur, li se jiġu ppubblikati bħala parti mid-deċiżjoni finali tal-ħatra f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u bħala parti mid-deċiżjonijiet individwali ta' ħatra ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet. Id-*data* personali l-oħra kollha tal-kandidati titħassar wara d-deċiżjoni finali tal-ħatra, sakemm xi obbligu legali ma jirrikjedix mod ieħor.

(7) Min jirċievi d-*data* personali tiegħek?

— Id-*data* personali tiegħek jirċevuha:

— is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill u s-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni, bħala membri tal-kumitat ta' selezzjoni;

— il-membri tal-bord ta' preselezzjoni;

— id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni u l-Lingwaġġ Ċar tal-Parlament Ewropew, għat-traduzzjoni tas-CVs u d-dikjarazzjonijiet personali;

— id-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament Ewropew, fir-rigward ta' dokumenti għall-ipproċessar ta' pagamenti tal-kontribuzzjonijiet tal-Parlament Ewropew għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni;

— l-Unità tar-Reklutaġġ tal-Persunal tal-Parlament Ewropew għar-reklutaġġ wara d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra;

— l-Unità tal-Awditjar Intern tal-Parlament Ewropew, fuq talba f'każ ta' awditjar;

— is-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew, fuq talba f'każ ta' lment;

— l-Ombudsman Ewropew, fuq talba f'każ ta' lment;

— il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fuq talba f'każ ta' awditjar;

— il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fuq talba f'każ ta' litigazzjoni;

— il-persunal tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea involut fit-trattament tal-proċedura tal-ħatra;

— il-pubbliku ġenerali, mal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ħatra tad-Direttur.

(8) Id-*data* personali tiegħek tiġi kondiviża ma' pajjiż mhux tal-UE jew ma' organizzazzjoni internazzjonali?

— **Le**, id-*data* personali tiegħek ma tiġix kondiviża **ma' pajjiż mhux tal-UE** jew **ma' organizzazzjoni internazzjonali**.

(9) Jintużaw xi proċessi awtomatizzati ([2]) u/jew profiling ([3]) biex jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwawk?

— **Le**.

(10) Jekk id-*data* personali ma nkisbitx mingħandek, x'inhu s-sors tagħha?

— Is-sors tad-*data* personali tiegħek huwa: l-HRM Portal (Streamline) tal-Parlament Ewropew għall-kandidati interni biss.

(11) X'inhuma d-drittijiet tiegħek?

Inti għandek id-drittijiet li ġejjin:

— Id-dritt ta' aċċess għad-*data* personali tiegħek.

— Id-dritt għal rettifika tad-*data* personali tiegħek.

— Fejn applikabbli, id-dritt li d-*data* personali tiegħek titħassar.

— Fejn applikabbli, id-dritt li l-ipproċessar jiġi ristrett.

— Fejn applikabbli, id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

— Fejn applikabbli, id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar.

Tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-kontrollur(i) tad-*data* responsabbli kif ġej:

— Għat-talbiet kollha relatati mal-ġestjoni tal-proċedura ġenerali tal-għażla u l-ħatra mill-Parlament Ewropew, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Parlament Ewropew fuq: PERS-Director-APPF@europarl.europa.eu

([2]) It-teħid ta' deċiżjoni unikament b'mezzi awtomatizzati u mingħajr ebda involviment uman. {Eżempji teoriċi: paġna tal-Internet li fiha, jekk tagħżel ċerti opzjonijiet, titqiegħed awtomatikament f'listi ta' indirizzi elettroniċi differenti li permezz tagħhom tirċievi l-bullettin korrispondenti ta' kull xahar / l-użu ta' sistema awtomatizzata biex jiġu kkoreġuti t-tweġibiet għal test "b'għażliet multipli" u tinħareġ marka minima biex tgħaddi skont l-għadd ta' tweġibiet korretti}.

([3]) Il-profiling janalizza aspetti tal-personalità, l-imġiba, l-interessi u l-abitudnijiet ta' individwu biex isiru previżjonijiet jew biex jittieħdu deċiżjonijiet dwaru. Dan jintuża biex jiġu analizzati jew previsti aspetti rigward il-prestazzjoni professjonali tas-suġġetti tad-*data*, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba tagħhom, il-post fejn ikunu qegħdin jew iċ-ċaqliq tagħhom minn post għall-ieħor, eċċ. {Eżempju teoriku: meta tuża l-għodda tal-media soċjali tinġabar *data* u jiġu rreġistrati t-tendenzi tiegħek. Din id-*data* mbagħad tintuża biex jiġu ffurmati previżjonijiet ġodda/differenti dwarek.}

— Għal mistoqsijiet speċifiċi għall-ħatra mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni Ewropea, ikkuntattja:

  — lill-Kummissjoni Ewropea: SG-UNITE-H-1@ec.europa.eu

  — lill-Kunsill: GIP.INST@consilium.europa.eu

Id-dritt li tressaq ilment:

Jekk ikollok xi kummenti jew ilmenti dwar il-mod kif tiġi pproċessata d-*data* personali tiegħek, tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal(i) tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) tal-kontrollur(i) tad-*data* responsabbli kif ġej:

— Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Parlament Ewropew: data-protection@europarl.europa.eu.

— Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni Ewropea: DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu.

— Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kunsill: data.protection@consilium.europa.eu.

Għandek id-dritt li tressaq ilment lill-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-*Data* fuq edps@edps.europa.eu.